MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carmelo Magri)**

**vs**

**Paul Galea ta’ 51 sena, iben Emanuel u Maria Dolores nee Zammit, imwieled B’Kara fit-23 ta’ Marzu, 1952 u joqghod Block C/1, Flat 16, Ta’ Paris, B’Kara, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 305052 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Paul Galea li gie akkuzt talli f’dawn il-gzejjer fid-19 ta’ April, 2003 u fix-xhur ta’ qabel din id-ata, xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000).

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi tratta bi proceduri sommarji.

Rat ukoll illi l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri kif ukoll illi hu fl-istadju ta’ interrogatorju rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

In vista ta’ l-ammissjoni tieghu il-Qorti wara li rat l-artikolu 334 tal-Kap 9 qed issibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Dwar il-piena rat l-istqarrija rilaxxata minn Paul Galea, rat li hu anke f’dan l-istadju kkopera mal-Pulizija. Rat ukoll il-fedina penali ta’ l-akkuzat, li ghalkemm xejn netta hija aktar karatterizzata b’kontravenzjonijiet. Ikkunsidrat dak li hi n-natura tar-reat u qeghda tikkundannah ghal multa ta’ Lm 200. Wara li rat l-Art 14 tal-Kap 9 il-multa hi pagabbli b’rati mensili ta’ Lm 20.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------